**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-30 ta' Novembru 2022**

Kaz Nru: 15/2018

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Godwin Scerri)

**kontra**

**ELLIOT PAUL BUSUTTIL**

(Detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 106084(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' **Elliot Paul Busuttil** ta' erbgha u tletin (34) sena, iben Dione u Doreen xebba Goodlip, imwieled il-Pieta' nhar it-3 ta' Frar 1984, residenti 56 fi Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 106084(M), akkuzat talli nhar is-6 ta' Frar 2018 ghal habta ta' 21:15 ta' filghaxija gewwa garaxx nru. 56, Fi Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar,

1. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew

ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

2. Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghal-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-riecetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Kellu fil-pussess tieghu d-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghal-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmja u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mnill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li kollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Fil-gurnata, hin u cirkostanzi imsemmija qabel ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza moghtija nhar it-25 ta' Jannar 2018 mill-Magistrat Dr. Ian Farrugia LL.D. bi ksur tal-Artikolu 28B et tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

6. Il-Qorti giet mitluba biex f'kaz ta' htija tqis lil Elliot Busuttil bhala recidiv u dan ai termin tal-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitilu 90 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Il-Qorti giet mitluba ukoll biex f'kaz ta' htija tordna lil akkuzat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta' Malta) li permezz tal-istess Ordni, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta' Kawzi u Doveri datat it-28 ta' Lulju 2021, permezz ta' liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta[2];

Rat l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta[3];

Rat u Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

[1] Fol. 2 tal-atti processwali
[2] Fol. 179 tal-atti processwali
[3] Fol. 183 tal-atti processwali

A. Il-Fatti

Illi mill-provi mressqa jirrizulta li wara li f'Jannar tas-sena 2018, il-pulizija rceviet informazzjoni li setghat kienet qed issir attivita' relatata mad-droga minn gewwa garaxx f'San Pawl il-Bahar, xi ufficjali tal-pulizija bdew jaghmlu xi osservazzjonijiet fuq dan l-istess garaxx. Minn dawn l-osservazzjonijiet irrizulta li l-istess garaxx kien qed jigi uzat mill-qua imputat li kien ukoll jaghmel uzu minn vettura tal-marka BMW. Wara li ngab mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-qua imputat, nhar is-6 ta' Frar 2018 ghall-habta tad-disgha u nofs ta' filghaxija il-pulizija prosegwiet bl-ezekuzzjoni tal-istess mandat fejn dahlu fl-imsemmi garaxx bl-indirizz – 56, Triq il-Mazzola, San Pawl il-Bahar. PS343 Glenn Carabott, fix-xhieda tieghu jikkonferma li l-imputat Busuttil jirrisjedi fl-imsemmi garaxx. Jghid li dan huwa kkonfermah fil-jiem li ghamel josserva l-istess garaxx fejn innota nies dehlin fl-imsemmi garaxx f'perjodi differenti tal-gurnata u anke bil-lejl u f'kull okkazzjoni dejjem kien hemm l-imputat li jidher li kien jghix hemmhekk. Huwa jikkonferma ukoll li dan il-garage kien post mikri mill-Gvern li kien tah lil wiehed maghruf bhala l-Lalu, li min-naha tieghu kien ghaddieh lill-qua imputat. Dan il-garage kien jikkonsisti f'entratura, bank tal-kcina fl-istess kamra fejn kien hemm is-sufan, kamra tal-banju zghira u kamra tas-sodda. Dak il-hin tat-tfittxija fl-istess post instab il-qua imputat flimkien ma sitt persuni ohra. Carabott bil-gurament jispjega li hekk kif dahlu l-pulizija kien hemm erba' persuni fuq is-sufan u l-imputat kien in-naha tal-kcina. PC312 Joseph Sultana jikkonferma li l-imputat kien in-naha tal-bank tal-kcina filwaqt li jghid li l-persuni l-ohra kienu imdawwrin mieghu, uhud bilqieghda u ohra imxerrdin 'l hemm u 'l hawn fl-istess kamra. PC1553 Francesco Mizzi jikkonferma ukoll bil-gurament li l-imputat kien in-naha tal-kcina mas-sink. Minn tfittxija li saret fuq il-persuni kollha fl-imsemmi garaxx (inkluz l-imputat) ma nstab xejn illegali. Il-pulizija prosegwew sabiex jaghmlu tfittxija intensiva fl-imsemmi garaxx fejn instabet xi sustanza illegali li giet elevata u prezentata fl-iter tal-proces odjern. Instabu ukoll oggetti parafernali relatati ma uzu u traffikar tad-droga bhal mwiezen digitali zghar, crushers, siringi, tension band, foil mahruq u makeshift pipes. Dawn kollha nstabu fil-parti tal-kcina. Instabu ukoll Eur. 1277.30 fi flus kontanti gewwa pouch iswed li nstab fil-kcina.

Fl-istadju investigattiv, l-imputat gie interrogat mill-pulizija u dana wara li nghata d-dritt li jikkonsulta ma avukat ta' fiducja tieghu, liema dritt l-imputat irrinunzja ghalih u in sostenn ta' dan iffirma dikjarazzjoni. Kemm l-istqarrija kif ukoll l-imsemmija dikjarazzjoni gew esebiti fl-atti processwali odjerni bhala Dok. GS4 u GS5.

Il-mobiles tal-imputat gew elevati mill-kcina u ipprezentati ukoll fl-atti processwali odjerni. L-istess gew analizzati minn espert mahtur minn dina l-Qorti (diversament preseduta) bil-ghan li johrog l-informazzjoni kollha mill-istess mobiles. Madanakollu mir-relazzjoni pprezentata mill-espert li gie mahtur ghal dan l-iskop, Dr. Martin Bajada, jirrizulta li wiehed mill-mobiles kien pattern locked u konsegwentament l-informazzjoni fuq l-istess mobile ma setghetx tigi accessata salv ghall-informazzjoni minn fuq is-sim card u l-SD Card filwaqt li t-tieni mobile ma kien fih l-ebda kontenut.

Is-sustanza elevata mill-imsemmi garage giet analizata mill-espert mahtur ghal dan l-iskop, ix-xjenzat Gilbert Mercieca, li min-naha tieghu kkonkluda s-segwenti:

> *"Illi l-kampjuni mehudin mill-esebiti bil-kodici tal-laboratorju Dok. GC A5-A7, taw rizultat pozittiv ghall-prezenza ta' sustanzi ikkontrollati (kokaina, eroina u cannabis rispettivament) skont l-ewwel Skeda tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.*
> *Il-piz totali ta' kokaina kien ta' 14.646g. Il-persentagg ta' kokaina fit-trab abjad kien ta' 48.12%.*
> *Il-piz totali ta' eroina kien ta' 4.942g. Il-persentagg ta' eroina fit-trab kannella kien ta' 5.93%.*
> *Il-piz totali ta' rezina mehuda mill-pjanta cannabis kien ta' 0.505g. Il-persentagg ta' Cannabinoid fir-rezina kien ta' 10.56%."*

## B. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar htija o meno</u>

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni l-qua imputat, Elliot Paul Busuttil jinsab akkuzat tali kien fil-pussess tal-kokaina f'cirkostanzi li jindikaw li l-imsemmija sustanza ma kinitx intiza unikament ghall-uzu tieghu. B'mod alternattiv, permezz tat-tieni imputazzjoni l-istess imputat jinsab akkuzat li kien fil-pussess semplici tal-kokaina.

Fl-ewwel lok dina il-Qorti ser tghaddi sabiex tanalizza jekk l-imputat kienx fil-pussess tas-sustanza illeciti. Is-sustanza illecita instabet fil-kcina gewwa l-fond iktar hawn fuq imsemmi gewwa San Pawl il-Bahar. Mill-provi mressqa tramite x-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija jirrizulta li dan huwa post tal-gvern mikri lil terza persuna. Madanakollu minn osservazzjoni li saret mill-ufficjali tal-pulizija jirrizulta li l-qua imputat kien qieghed jghix gewwa l-imsemmija residenza. Fix-xhieda tieghu, PS343 Glenn Carabott, jispjega li huwa wasal ghal din il-konkluzzjoni l-ghaliex personalment ghamel jiem ta' osservazzjoni fuq l-istess propjeta'. Liema osservazzjonijiet saru ukoll fil-hinijiet ta' bil-lejl. Skond l-istess xhieda jirrizulta li Busuttil kien ikun dejjem

fl-istess proprjeta' u li gieli dahlu u hargu xi nies mill-istess proprjeta' izda huwa dejjem kien ikun hemmhekk.

Waqt it-tfittxijiet li saru mill-pulizija fl-imsemmi fond, kif ukoll waqt il kompletament tal-investigazzjonijiet u l-proceduri odjerni, l-imputat fl-ebda hin ma kkontesta l-fatt li huwa kien residenti fl-istess fond. Fil-fatt it-tfittxija saret fil-prezenza tieghu u skond ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija jirrizulta li l-karta' tal-identita' tal-imputat tindika li huwa kien jirrisjedi fl-istess fond. Jinghad ukoll li waqt l-interogazzjoni tal-pulizija, mehuda skond il-ligi, l-imputat ikkonferma li huwa kien residenti fl-istess proprjeta'. Irid jinghad ukoll li meta l-pulizija marru biex jaghmlu t-tfittxijiet fl-isess fond, huma sabu lill-qua imputat mal-bank tal-kcina filwaqt li lill-persuni ohra li kien hemm gewwa l-imsemmi fond mferxin mal-kamra. Il-fatt li l-imputat kien mal-bank tal-kcina huwa indikattiv li l-proprjeta' hija tieghu u dan l-ghaliex il-kcina huwa dak il-lok li normalment juza' sid ir-residenza bil-ghan li jservi lill-mistidnien li jistgha jkollu d-dar.

Fl-ahhar net jinghad ukoll li anke fl-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat lill-pulizija, Busuttil jistqarr li din ir-residenza hija tieghu.

Konsegwentament fid-dawl ta' dak suespost irid necessarjment jigi konkluz li s-sustanzi illeciti inkluz is-sustanza kokaina nstabet fir-residenza tal-qua imputat.

L-abbli difensur, fis-sottomissjonijiet tieghu jghid li ghalkemm l-imsemmija sustanzi instabu fir-residenza tal-qua imputat, irid jinghad li dak il-hin li ghamlu t-tfittxija l-pulizija huwa ma kienx l-unika persuna hemmhekk izda kien hemm sitt persuni ohra. Ghaldaqstant l-abbli difensur jargumenta li, fid-dawl ta' dan, il-prosekuzzjoni ma tista' qatt tilhaq il-grad ta' prova mistenni minnha u dana l-ghaliex l-imsemmija sustanzi setghu kienu tal-persuni ohra li dakinhar kienu hemm u mhux necessarjament tal-qua imputat.

Mill-provi mressqa jirrizulta li fl-imsemmi fond instab l-ammont ta' 14.646 grammi kokaina bil-purita gholja ta' 48.12%. Fl-istqarrija l-imputat jikkonferma li din is-sustanza hija tieghu b'dan pero jiddikjara li l-istess kien intiz unikament ghall-uzu tieghu. L-ammont fih innifsu ma huwiex ammont li persuna wahedha tista' tikkonsma fl-immedjat wahedha. Dan iktar u iktar meta mis-social inquiry report jirrizulta li ghalkemm l-imputat kien jabbuza mis-sustanza kokaina, dan l-uzu ma kienx tali li huwa kien tilef il-kontroll fuqu. Fil-fatt huwa jispjega li meta ried jieqaf huwa dejjem kien irnexxielu jieqaf. Din is-sustanza ma nstabitx fl-inhawi tas-sufan fejn kienu il-mistednin izda go pouch iswed li kien go kexxun fil-kcina. Dan jindika li din is-sustanza

ma kinitx fl-isfera ta' kontroll tal-mistednin li kien hemm go dan il-fond izda fl-isfera ta' kontroll ta' min kien jghix fl-istess residenza. Jinghad ukoll li fil-pussess tal-qua imputat instabu anke zewgt imwiezen (li kienu pozittiv ghas-sustanza kokaina) li jindikaw li l-imputat ma kienx biss qed jikkonsma d-droga izda anke jkejjel l-istess u possibilment anke sabiex ihallata, liema fatt jiehu iktar importanza meta wiehed jinnota l-livell ta' purita' tal-imsemmija sustanza (48%) li huwa pjutost ghola mill-livell ta' purita' li normalment wiehed isib fit-triq. Instabu ukoll diversi siringi. Mir-ritratti esebiti mill-ufficjali tax-xena tar-reat[4] jirrizulta ukoll li gos-sink instabu zewgt ifliexken tal-plastic maghluqin bil-foil bl-istraws maghhom (bongs). Dan jindika li f'xi hin vicin ferm tal-ispezzjoni li saret mill-pulizija, zewgt persuni kienu qed jikkonsmaw is-sustanza illecita (bin-nifs) flimkien ma haddiehor. Il-fatt li din is-sustanza kienet qed tigi ikkonsmata f'fond li kien residenti fih l-imputat, fil-prezenza ta' numru ta' mistednin, fejn fl-istess residenza instabet is-sustanza illecita, jindika fl-ewwel lok li l-imputat kien ben konsapevoli tas-sustanza illecita u li din qed tigi kkonsmata fir-residenza tieghu min talinqas minn persuna ohra li ma huwiex huwa (galadarba instabu zewgt ifliexken).

F'dawn ic-cirkostanzi, jirrizulta li l-ammont ta' 'il fuq minn erbatax-il gramma kokaina ma kienx intiz esklussivament ghalih u konsegwentament ser jinsab hati tal-ewwel imputazzjoni hekk kif migjuba fil-konfront tieghu. Huwa ser jinsab ukoll hati tat-tieni imputazzjoni, b'dan pero, li ai fini ta' piena, t-tieni imputazzjoni ser tigi meqjusa li hija kompriza u nvoluta fil-piena tal-ewwel imputazzjoni.

Permezz tat-tielet imputazzjoni, Busuttil jinsab akkuzat bir-reat ta' pussess semplici tas-sustanza eroina. Din is-sustanza ukoll instabet fil-kcina tal-imputat u hekk kif inghad izjed 'il fuq, Busuttil fl-istqarrija li huwa rrillaxxa lill-pulizija ammetta li din kienet tieghu u li kienet intiza unikament ghall-uzu tieghu. Mir-relazzjoni pprezentata minn Gilbert Mercieca jirrizulta li l-ammont ta' eroina kien dak ta' 4.942 grammi. Kuntrarjament ghas-sustanza kokaina, l-purita' tas-sustanza eroina kienet ferm iktar vicin il-livell ta' purita li wiehed jistenna minn sustanza li tkun qed tigi ccirkulata fit-triq u cioe' dik ta' 5.93%. In oltre jinghad ukoll li fil-pussess tal-imputat instabu ukoll diversi siringi u strap li huma ukoll relatati mat-tehid tas-sustanza eroina. Fd-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti hija tal-fehma li din it-tielet imputazzjoni giet sodisfacentament ippruvata.

Permezz tar-raba' imputazzjoni, Busuttil jinsab akkuzat bil-pussess semplici tar-raza cannabis. Il-piz ta' din is-sustanza kien dak ta' 0.505g b'purita medja ta' 10.56%. Ghal darba ohra irid jinghad li din is-sustanza instabet fil-pussess

[4] Ara fol. 83 u 84 tal-atti processwali.

tal-qua mputat flimkien ma crushers. L-ammont huwa indikattiv ta' uzu personali. Mis-social inquiry report jirrizulta ukoll li l-imputat kien jikkonsma s-sustanza kannabis filwaqt li fl-istqarrija li huwa rrillaxxa lill-pulizija huwa kkonferma li din is-sustanza hija tieghu u li kienet intiza ghall-uzu personali. F'dawn ic-cirkostanzi, din l-imputazzjoni giet milquta bl-emendi introdotti f'Dicembru tas-sena 2021 senjatament permezz tal-Att LXVI tas-sena 2021. Bis-sahha ta' dawn l-emendi l-artikolu 4A tal-Kap. 537 jistipula:

> *(1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, il-pussess minn persuna ta' 'l fuq minn tmintax (18)-il sena <u>tad-droga kannabis f'ammont ta' mhux iktar minn seba' grammi</u>, f'ċirkostanzi li jwasslu li wieħed raġonevolment jemmen li tali pussess huwa għall-użu personali ta' tali persuna, **<u>ma għandux jikkostitwixxi reat</u>**, u l-persuna ma għandhiex tinżamm f'kustodja taħt arrest minbarra fejnhemm suspett raġonevoli ta' traffikar jew tmexxija ta' droga kannabis*

Illi allura ghalkemm l-att vjolatur kien jikkostitwixxi reat meta sehh, dan madanakollu ma ghadux jigi hekk ikkunsidrat illum il-gurnata.

Illi l-artikolu 12 tal-Kap. 249 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula:

> *(1) Meta xi Att mgħoddi wara l-bidu fis-seħħ ta' dan l-Atti ħassar xi liġi oħra, kemm-il darba ma jidhirx ħsieb kuntrarju, t-tħassir m'għandux –*
> *(a) jerġa' jġib fis-seħħ xi ħaġa li ma tkunx fis-seħħ jew lima tkunx teżisti fiż-żmien li fih iseħħ it-tħassir;*
> *(b) jolqot it-tħaddim ta' xi liġi qabel ma kienet hekk imħassra jew xi ħaġa magħmula jew li tħalliet issir taħt xi liġi hekk imħassra;*
> *(ċ) jolqot xi dritt, privileġġ jew responsabbiltà miksuba jew meħuda taħt xi leġislazzjoni hekk imħassra jew liġejja minn xi leġislazzjoni bħal dik;*
> *(d) jolqot xi penali, konfiska jew piena li wieħed seta' jeħel dwar xi reat li jkun sar kontra xi liġi hekk imħassra, jew xi responsabbiltà għal xi penali, konfiska jew piena bħal dawk;*
> *(e) jolqot kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju dwar xi dritt, privileġġ, obbligazzjoni, responsabbiltà, penali, konfiska, jew piena kif intqal qabel,*
> *u kull stħarriġ, proċedimenti legali, jew rimedju bħal dawk jistgħujinbdew, jitkomplew, jew jiġu nforzati, u kull penali, konfiska jewpiena bħal dawk jistgħu jiġu mposti, bħallikieku l-Att li jħassar majkunx għadda.*

Madanakollu ssir referenza ghas-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-***Pulizija vs. Juanita Fenech*** nhar is-27 ta' Frar 2019 fejn gie ddikjarat:

> *"Illi in linja mad-decizjonijiet moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ibbazati fuq l-artikolu 7 tal-Kovenzjoni Ewropeja dwar il-Drittijiet tal-Bniedem, il-Qorti hija tal-fehma illi illum ebda piena ma ghandha tigi imposta fuq l-appellanti u l-Qorti bilfors trid tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' dina l-akkuza:*
>
>> *"The Court notes that the obligation to apply, from among several criminal laws, the one whose provisions are the most favourable to the accused is a clarification of the rules on the succession of criminal laws, which is in accord with another essential element of Article 7, namely the foreseeability of penalties .... The Court .... affirms that Article 7 § 1 of the Convention guarantees not only the principle of non-retrospectiveness of more stringent criminal laws but also, and implicitly, the principle of retrospectiveness of the more lenient criminal law. That principle is embodied in the rule that where there are differences between the criminal law in force at the time of the commission of the offence and subsequent criminal laws enacted before a final judgment is rendered, the courts must apply the law whose provisions are most favourable to the defendant."*
>
> *Din il-posizzjoni ġiet riaffermata permezz tas-sentenza tal-Qorti Ewropeja fl-ismijiet Öcalan v. Turkey deciza fit-18 ta' Marzu, 2014.*
>
> *Illi l-Professur Sir Anthony Mamo jidher li kien tal-fehma ukoll li f'sitwazzjonijiet bħal dawn il-proċeduri jew l-effett provenjenti minnhom permezz tas-sentenza li tkun ingħatat, għandhom jieqfu.*
>
>> *''In fact, in the hypothesis under discussion, though the liability was contracted while the former law was still in force, the prosecution and sentence would be carried on and pronounced after such law has been repealed. So that, if such law were to be applied to such prosecution and sentence, it would be given an effect beyond its legal limit of operation. It is thus not by way of an equitable retrospective application of the new law but rather on the grounds that the operation of the old law cannot extend beyond its repeal (divieto di ultra-attivita') that, in this hypothesis, the*

*criminal proceedings cannot be maintained in respect of the act which, at the time of the trial, has ceased to constitute a criminal offence".*

***B'hekk illum għalkemm il-prosekuzzjoni tar-reat abrogat fil-mori tal-proċeduri jista' jitkompla u dan fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-Att dwar l-Interpretazzjoni, madanakollu l-istess qiegħed jitqies illi huwa leżiv tal-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem.***" (emfazi ta' dina l-Qorti)

Tenut kont dan l-insenjament, din il-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-imputazzjoni.

In kwantu ghall-hames u s-sitt imputazzjoni u cioe' dawk rigwardanti l-fatt li l-imputat ikkommetta reat waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza u li sar recediv, din il-Qorti hija sprovista mill-prova li s-sentenza esebiti huma res judicata u, limitament ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjoni tar-recidiva, meta l-piena inflitta giet effettivament skontata. Konsegwentament l-imputat ser jigi illiberat minn dawn iz-zewgt imputazzjonijiet.

C. Kunsiderazzjonijiet ai fini ta' Piena

In kwantu ghall-piena din il-Qorti ser tqis in-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom il-qua imputat qed jinsab hati, n-natura tad-diversi susanza illeciti involuti, c-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Qieset ukoll is-social inquiry report redatt fil-konfront tieghu.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 8(a), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 tal-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 hekk kif sussegwentament emendat, **qed issib lil Elliot Paul Busuttil hati tal-ewwel, tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni filwaqt li qed tilliberah mill-hames u mis-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu. Konsegwentament din il-Qorti qed tikkundanah ghall-piena ta' prigunerija effettiva ta' tlettax-il xahar.**

**Il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' imputazzjoni u dana galadarba r-reat gie abrogat.**

**Ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, din il-Qorti qed tordna lill-hati Elliot Paul Busuttil ihallas l-ispejjez (Eur. 953.50) li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.**

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur